MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 315/2000/1

**Errol Cassar**

**vs**

**Awtorita` ta' l-Ippjanar [recte: Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp] u John u Alfred Falzon**

**Il-Qorti;**

**<u>I PRELIMINARI</u>**

1. Fis-6 ta' Settembru 1995, Errol Cassar ("l-appellant"), bhala terza persuna interessata, interpona appell quddiem

il-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar ("il-Bord"), in konnessjoni ma pemess ta' l-izvilupp mahrug mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp, f'Awissu 1995 lil John u Alfred Falzon ("l-appellati"). L-appellant talab li l-Bord joghgbu jimmodifika l-permess moghti lill-appellati fis-sens spjegat mill-appellant.

2. Quddiem il-Bord, l-Awtorita` ta' l-Ippjanar eccepiet preliminarjament li l-appell in kwistjoni kien null, billi ma kienx akkompanjat mill-hlas preskritt skond l-Avviz Legali 7 ta' l-1993.

3. Il-Bord sema' xhieda tal-appellant, kif ukoll tad-difensur tieghu. Qies is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-kontendenti u ta d-decizjoni tieghu fl-1 ta' Settembru 2000. Biha, l-Bord laqa' l-eccezzjoni preleminari imsemmija billi ddikjara l-appell null in kwantu ma kienx konformi ma' l-Avviz Legali 7 ta' l-1993. Il-Bord wasal ghal din id-decizjoni, wara li, inter alia kkonsidra hekk:-

"Illi meta l-appellant mar biex jipprezenta l-appell tieghu huwa mar fil-post zbaljat peress li mar fil-Planning Shop ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar u mhux fis-Segretarjat tal-Bord ta' l-Appell. Jirrizulta izda li min accetta l-appell fil-Planning Shop baghat l-appell lis-Segretarjat ta' dan il-Bord. Kif wasal l-appell – jekk hux bl-idejn jew bl-internal mail – mhux car. Li hu car izda huwa li l-appell ma kienx akkumpanjat bid-dritt ta' Lm80, li huwa d-dritt ta' l-appell skond l-Avviz Legali 7 ta' l-1993. B'hekk meta l-appell wasal fis-Segretarjat tal-Bord, l-appell ma kienx akkumpanjat mid-dritt ta' l-appell. Is-segretarjat tal-Bord jaccetta kull dokument li jintbaghat lilu, inkluzi appelli li ma jissodisfawx ir-rekwiziti tal-ligi. Imbaghad sta ghall-Bord, wara li jkun sema' lill-partijiet, biex jistabilixxi jekk appell jew kull dokument iehor ipprezentat huwiex in regola jew le;

Illi l-Bord kien, qabel is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell li rrikonixxiet '*third party appeals*' xorta jitrattahom dawk kien jilqa' dawk l-appelli, jappuntahom ghas-smiegh u wara jichadhom minhabba nuqqas ta' gurisdizzjoni. Hlas

ghad-dritt ta' l-appell kien isir ukoll izda f'dan il-kaz ma sarx;

Dwar is-sentenza ta' Salvino Testaferrata Moroni Viani l-fatt kienu differenti. L-appellant kien qed jappella minn avviz biex tieqaf u ta' twettieq u l-Awtorita` ta' l-Ippjanar fl-istess avviz infurmatu li seta' jappella fi zmien 15-il gurnata min-notifika, izda ma nfurmatux bil-hlas li kellu jsir. Huwa appella izda ma hallasx fit-terminu. Il-Qorti rragunat li l-appellant kien misgwidat mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar.

F'dan il-kaz, l-appellant Cassar ma giex mizgwidat. Huwa mar fil-post zbaljat b'inkartament inkomplet. Ghalkemm l-inkartament b'xi mod jew iehor wasal ghand il-Bord, il-fatto sta li mill-bidu nett l-appell ma kienx akkumpanjat bid-dritt ta' l-appell."

4. Biex isahhah id-decizjoni tieghu, il-Bord iccita estensivament mid-decizjoni ta' din il-Qorti fl-ismijiet "Anthony Scicluna vs l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, deciza fit-30 ta' Mejju 1997.

## II L-APPELL

5. L-appellant intavola appell minn din id-decizjoni tal-Bord fil-15 ta' Settemrbu 2000. Ghar-ragunijiet li huwa indika fir-rikors t'Appell tieghu, l-appellant talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka d-decizjoni appellata tal-Bord u minflok tiddikjara l-appell interpost quddiem il-Bord bhala validu – taht il-kondizzjonijiet li din l-Qorti joghgobha timponi.

6. L-Awtorita` ta' l-Ippjanar fir-risposta ta' l-Appell taghha, spjegat ghaiex id-decizjoni appellata kienet gusta u talbet li l-appell jigi michud u l-istess decizjoni konfermata.

7. L-appellati John Falzon u Alfred Falzon ukoll sostnew li d-decizjoni appellata kienet gusta u talbu l-konferma taghha minn din il-Qorti, prevja c-cahda ta' l-appell.

## III KONSIDERAZZJONIET TAL-QORTI

8. L-Avviz Legali 7 ta' l-1993 jimponi obbligu tassativ fuq min jappella minn decizjoni ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar (li ma tkunx dwar Avviz ta' Twettiq) quddiem il-Bord, li jhallas dritt minimu ta' tmenin lira (Lm80). Jekk il-hlas impost fl-istess Avviz Legali ma jithallasx, l-istess avviz jistabilixxi sanzjoni preciza: l-appell ikun null u bla ebda effett.

9. Ma hemm l-ebda dubbju li f'dan il-kaz l-appell ma kienx akkompanjat mid-dritt stabbilit fl-istess Avviz Legali. L-appellant qieghed isostni li minkejja dan, l-appell tieghu ma ghandux jigi dikjarat null ghaliex hu kien gie zvijat minn impjegata li kienet fil-"Planning Shop". Din qaltlu li l-appell ma kellux jigi pprezentat hemmhekk izda ikkonsentiet li taccetta l-inkartament li bih inbeda l-appell. Qaltlu li kien hemm bzonn ihallas id-dritt biex jipprezenta l-appell izda qaltlu li hi ma kienitx taf kemm kellu jhallas. Fil-fatt, l-appell gie debitament mghoddi lis-Segretarjat tal-Bord, s'intendi bla ebda hlas tad-dritt imsemmi.

10. L-appellant jibbaza l-aggravju tieghu fuq il-kaz deciz minn din il-Qorti fit-22 ta' April 1996 fl-ismijiet "Salvino Testaferrata Moroni Viani vs. l-Awtorita` ta' l-Ippjanar". Fil-fehma konsiderata tal-Qorti, pero` dan kien kaz pjuttost differenti minn dak odjern. Fil-kaz l-iehor l-Awtorita1 kienet ufficjalment tat informazzjoni mhux kompleta u b'hekk zgwidat lil min ried jappella. Infatti, meta tat l-informazzjoni li seta' jsir appell mill-Avviz ta' Twettiq fi zmien tmintax-il gurnata hija naqset li tinformah ukoll li kellu jikkompanja l-appell bil-hlas tad-dritt ta' Lm25. Din il-Qorti qalet li, la darba l-Awtorita` ghazlet li ufficjalment taghti informazzjoni, dik l-informazzjoni kellha tkun kompleta billi diversament dak li jkun facilment seta' jigi sgwidat u pregudikat. Fil-kaz odjern invece, kien l-appellant stess li mar jipprezenta l-appell fil-post zbaljat cjoe` fil-"Planning Shop". Hemmhekk gie informat li kellu jhallas id-dritt preskritt. Billi mar fil-post zbaljat, l-ammont ta' dan id-dritt ma giex specifikat lilu. Il-Qorti jidhrilha li l-appellant ghamel hazin li ikkuntenta ruhu bil-fatt li l-appell gie mizmum mill-impjegata tal-"Planning Shop". Hu gie informat li kellu jhallas dritt biex jipprezenta l-appell, u anke l-avukata tieghu qaltlu li jrid isir hlas. Kien jispetta

lilu li jara ezattament kemm kellu jhallas u jara li dan id-dritt ihallsu u li l-appell akkumpanjat bil-hlas tad-dritt dovut jasal ghand is-segretarjat tal-Bord.

11. Illi f’dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti jidhrilha li l-Bord kien korrett meta sab li l-fattispecie ta’ dan il-kaz ma kienux jaqblu mal-kaz l-iehor imsemmi fil-paragrafu precedenti. Jidhrilha wkoll li l-Bord iddecieda korrettament meta laqa’ l-eccezzjoni preleminari tan-nullita` tal-appell in vista li dan ma kienx akkompanjat mid-dritt stabbilit fl-imsemmi Avviz Legali.

Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell, tikkonferma d-decizjoni appellata tal-Bord u tordna li l-ispejjez jithallsu mill-appellant.

--------------------------------TMIEM--------------------------------